# QORTI CIVILI
# PRIM’ AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar t-Tlieta**
**sittax (16) ta’ Ġunju 2020**

**Rikors Numru 102/16 FDP**

Fl-ismijiet

**Joseph Degiorgio (ID 7055559M), Antonia Degiorgio (ID 268369M), Carmen Degiorgio (ID 591929M), Mario Degiorgio (ID 390264M) f’ismu u bħala mandatarju ta’ Michael Degiorgio u, b’digriet tat-23 ta’ Mejju 2018, l-atti ta’ Carmen Degiorgio ġew assunti minn Joseph, Mario u Michael Degiorgio**

**Vs**

**Awtorita’ tal-Artijiet u Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol**

## A. <u>INTRODUZZJONI</u>

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 25 ta’ Novembru 2016, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti huma s-sidien ta' porzjoni art li tinsab iż-Żejtun u llum tifforma parti minn Triq Antonio Micallef liema art hija indikata fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dokument A.*

    2. *Illi l-esponenti huma s-sidien ta’ din il-proprjetà kif ser jingħad billi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis, Anthony Degiorgio (r-raġel tar-*

*rikorrenti Carmen Degiorgio u missier il-komparenti l-oħra), kien akkwista sehem ta' 5/6 ta' porzjoni art fabbrikabbli li minnha l-art mertu tal-kawża tifforma parti u sussegwentement l-istess Anthony Degiorgio kien resaq għall-kuntratt ta' diviżjoni fl-24 ta' Diċembru 1968 fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis u l-porzjoni art li ġiet assenjata lill-imsemmi Anthony Dcgiorgio tikkomprendi l-art mertu ta' din il-kawża.*

3. *Illi l-imsemmi Anthony Degiorgio miet fit-13 ta’ Lulju 1984 u skond it-testment tiegħu tas-16 ta' Ġunju 1984 fi-atti tan-Nutar Joseph Brincat huwa ħalla sehem ta' kwart indiviż mill-assi tiegħu u 1-użufrutt fuq ir-rimanenti tlett kwarti lir-rikorrenti martu u lill-uliedu rikorrenti l-oħra bħala eredi universali tiegħu.*

4. *Illi numru ta' snin ilu l-intimati jew min minnhom okkupaw il-proprjetà tar-rikorrenti u għamluha triq iżda minkejja diversi interpellazzjonijiet, qatt ma sar il-proċess ta' esproprju tal-istess art li hija fabrikabbili.*

5. *Illi tali teħid u konsegwenti deprivazzjoni tal-possidimenti tal-esponenti huwa abbużiv u illegali u anke huwa leżiv tad-drittijiet tal-proprjetà tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1, Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali.*

6. *Illi fl-istess żmien ittieħdet proprjetà oħra tal-esponenti iżda għalkemm din il-parti l-oħra ġiet formalment espropprijata, din il-parti mertu tal-kawża odjerna ma ġietx.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *tiddikjara u tiddeċiedi illi t-teħid tal-pussess tal-art tar-rikorrenti mingħajr ma huma ngħataw kumpens ġust u xieraq kif trid il-liġi huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu 1, Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

ii. *tagħti rimedju xieraq u effettiv u dan kif hemm dispost fl-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni, liema rimedju għandu jikkomprendi ordni lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss jibdew il-proċess ta' esproprju tal-istess art fabrikabbli b'xiri assolut u tordna li:*

   a. *Il-prezz tal-art jkun l-prezz ta’ art fabrikabbili viġenti fid-data ta' meta tintbagħat l-ittra uffiċjali skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   b. *Jitħallsu danni pekunjarji li jkopri danni ta' okkupazzjoni mill-mument li ttieħed il-pussess effettiv tal-art sa dakinhar tas-sentenza finali ta' din il-kawża;*
   c. *Li flimkien mal-prezz tal-istess art l-esponenti jitħallsu interessi relattivi mid-data tas-sentenza finali f’din il-kawża sad-data ta' ħlas effettiv tal-prezz intier tal-art b’rata li tigi stabbilita minn din l-Onorabbili Qorti u mhux neċessarjament bir-rata u mekkaniżmu stabbilit mill-Kap 88;*
   d. *Jitħallsu danni non-pekunjarji sabiex jagħmlu tajjeb għall-leżjoni sofferta liema danni non-pekunjarji għandhom ikunu punittivi, eżemplari u effettivi*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-21 ta’ Diċembru 2016, l-Awtorita’ tal-Artijiet, preċedentement fil-vesti ta’ Kummissarju tal-Artijiet, laqa’ għal dak mitlub billi ressaq is-segwenti difiżi:

*Illi preliminarjament u fid-dawl ta' dak li jeżiġi l-artikolu 559 tal-Kap. 12, ir-rikorrenti jridu jġibu l-aħjar prova tat-titolu tagħhom fuq il-proprjetà in kwistjoni;*

*Illi wkoll in vena preliminari r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli għalih billi kellu se mai jistitwixxi proċeduri għad-danni. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi odjerni, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat Kostituzzjnali tagħha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi dejjem in linea preliminari, l-esponent jirrileva li huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur għall-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti stante li ma kellu ebda rwol dirett jew indirett fl-okkupazzjoni u/jew twittija tat-triq fuq il-proprjetà in kwistjoni. Tassew, kif anke ġie sostnut mir-rikorrenti stess, ma saret l-ebda esproprazzjoni tant li l-esponent lanqas ma saritlu talba minn xi entità governattiva għal-esproprjazzoni tal-proprjetà in kwistjoni għat-twettieq ta' triq u għalhekk ma setgħet qatt tinbeda proċedura ta' esproprju hekk kif kontemplata fil-Kap.88. Għaldaqstant isegwi li huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimat jopponi t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors promotur u jirrileva illi ma seħħ l-ebda ksur da parti tal-esponenti tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Eworpea;*

*Illi jsegwi għalhekk li ma hemm lok għal ebda mir-rimedji pretiżi mir-rikorrent fit-tieni talba tar-rikors promotur anke għaliex la darba l-esponenti qatt ma esproprja jew b'xi mod okkupa l-art in kwistjoni, m'għandux jinżamm responsabbli għal xi ħlasijiet ta' kumpens kif qed jittenta jitlob ir-rikorrenti*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

3. Rat illi fis-6 ta' Marzu 2017 il-Ministru ta-Edukazzjoni u Xogħol laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi l-esponenti beda l-proċess sabiex jagħmel talba lill-intimat l-ieħor Kummissarju tal-Artijiet sabiex jibda l-proċedura ta' esproprju kontemplata fil-Kap.88 għat-twettieq ta' triq fuq il-proprjetà in kwistjoni;*

*Illi għaldaqstant ma jissussistix l-allegat vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Eworpea u għalhekk ma hemmx lok għar-rimedji pretiżi mir-rikorrent fit-tieni talba tar-rikors promotur;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

## B. PROVI

4. Rat l-affidavit ta' **Joseph Degiorgio** ippreżentat fit-28 ta' Frar 2017 (fol 39) u dokumentazzjoni minnu eżebita, inkluż Ittra datata 18 ta' Ġunju 1997 mibgħuta mill-Ministeru tal-Edukazzoni li jindika li bini fuq l-art meritu tal-kawża odjerna beda fl-1 ta' Lulju 1986. (fol 40)

5. Rat illi fid-29 ta' Marzu 2017 il-Qorti appuntat lill-Perit Marie Louise Caruana Galea biex tassisti l-Qorti.

6. Rat ix-xhieda ta' **Dr Charmaine Cristiano**, rappreżentanta tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, mogħtija fid-29 ta' Marzu 2017 (fol 52), fejn għarrfet illi fit-3 ta' Marzu 2017, ossija wara li bdew il-proċeduri odjerni, il-Ministeru tal-Edukazzjoni ippreżenta talba lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jibda l-proċess tal-espropriju tal-art meritu tal-każ odjern.

7. Rat l-affidavit tal-**Perit Charles Buhagiar** (fol 57), ippreżentat mir-rikorrenti fis-7 ta' April 2017, fejn iddikkjara illi l-porzjoni ta' art meritu tal-kawża odjerna kellha kejl superfiċjali ta' 55 metri kwadri u kellha valur ta' €31,150.

8. Rat ix-xhieda tal-**Perit Marie Louise Caruana Galea**, mogħtija fis-16 ta' Mejju 2017, fejn ippreżentat ir-rapport tagħha (fol 68) u għarrfet li wasslet għall-konklużjoni illi l-valur ta' l-art minnha stabbilit kien ta' €25,700.

9. Rat illi fis-16 ta' Mejju 2017 ir-rikorrenti ddikkjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

10. Rat ix-xhieda ta' **Dr Marisa Grech**, (fol 77) prodotta mill-Awtorita' tal-Artijiet, mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2017, fejn għarrfet illi t-talba ta' esproprijazzjoni kienet qed tiġi kkunsidrata mill-Bord tal-Awtorita'.

11. Rat ix-xhieda in eskussjoni tal-Perit Marie Louise Caruana Galea mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2017.

12. Rat ix-xhieda ta' Dr Marisa Grech mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2017 fejn għarrfet lill-Qorti illi l-Bord tal-Awtorita' approva l-espropriju u l-proċess tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kien għaddej. (fol 89)

13. Rat ix-xhieda ta' Dr Marisa Grech mogħtija fis-6 ta' Jannar 2018, fejn għarrfet illi Permezz ta' Avviz Nru 38 datat 12 ta' Jannar 2018, saret il-pubblikazzjoni tal-esproprijazzjoni tal-art meritu tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern (fol 92), fejn il-kumpens offrut kien ta' ħmistax-il elf (€15,000).

14. Rat ix-xhieda tal-**Perit Dennis Camilleri**, Perit konsulent tal-Awtorita', mogħtija fit-23 ta' Mejju 2018 (fol 134), fejn spjega kif wasal għall-valutazzjoni ta' €15,000 indikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

15. Rat illi fit-8 ta' Ottubru 2019, din il-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti tal-każ u ordnat illi l-kawża titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

16. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrent Joseph Degiorgio ippreżentati fis-6 ta' Novembru 2019. (fol 144)

17. Rat is-sottomissjonijiet tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol ippreżentati fl-10 ta' Jannar 2020.

18. Rat illi fl-4 ta' Marzu 2020, wara illi l-Qorti rat illi l-Awtorita' tal-Artijiet naqqset milli tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-21 ta' April 2020.

19. Rat illi minħabba fil-pandemija Covid-19 u l-egħluq tal-Qrati, is-sentenza ma setgħetx tingħata fid-data prefissa, u qiegħda għalhekk tingħata llum.

## C. FATTI

20. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi Anthony Degiorgio, missier ir-rikorrenti u raġel ta' Carmen Degiorgio, li l-atti tagħha sussegwentement ġew assunti mir-rikorrenti tfal tagħhom, kien akkwista 5/6 indiviż ta' porzjon art fabbrikabbli.

21. Jirriżulta illi, sussegwentement, permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-George Bonello Dupuis tal-24 ta' Diċembru 1968, l-art kollha meritu tal-kawża odjerna, flimkien ma artijiet oħra, ġew assenjati fl-intier tagħhom, f'isem l-imsemmi Anthony Degiorgio.

22. Jirriżulta illi l-art meritu tal-kawża odjerna, ossija porzjon art tal-kejl ta' 55 metru kwadru, kienet ittieħdet mill-Gvern u, kif dikjarat mill-Head Capital Projects tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni f'ittra datata 18 ta' Ġunju 1997, "*construction works on site commenced on 1st July 1986.*" (fol 40)

23. Jirriżulta, għalhekk, mingħajr ebda dubju, illi fl-1 ta' Lulju 1986, il-pussess tal-art meritu tal-kawża odjerna ma baqgħetx f'idejn ir-rikorrenti, iżda ttieħdet mill-Gvern tal-ġurnata.

24. Jirriżulta illi l-art meritu tal-kawża odjerna kienet tifforma parti minn art akbar meħuda mill-Gvern għall-iżvilupp ta' Skola ġewwa ż-Żejtun.

25. Jirriżulta ukoll illi, l-art meritu tal-kawża odjerna, tifforma fit-triq illi hemm biswit l-iskola taż-Żejtun, u li kienet parti mill-iżvilupp illi sar mill-Gvern tal-ġurnata ta' tali skola.

26. Jirriżulta illi, filwaqt illi l-parti l-kbira tal-art meħuda mir-rikorrent ġiet debitament espropprijata mill-Gvern, u inħarġet Dikjarazzjoni Presidenzjali għalihom, fil-każ tal-art meritu tal-każ odjern, ossija tal-kejl ta' 55 metru kwadru, dina qatt ma ġiet formalment espropprijata.

27. Jirriżulta illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati fil-25 ta' Novembru 2016, wara illi r-rikorrenti kienu interpellaw lill-intimati dwar tali art permezz ta' Ittra datata 2 ta' Novembru 2016 (fol 18).

28. Jirriżulta illi kien biss fit-3 ta' Marzu 2017, wara illi kienu ġia' inbdew il-proċeduri odjerni, il-Ministeru tal-Edukazzjoni kiteb uffiċjalment lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jitlob għall-espropriju tal-art meritu tal-kawża odjerna. (fol 54)

29. Jirriżulta, finalment, illi fit-12 ta' Jannar 2018, ġiet ippubblikata Dikjarazzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet, permezz ta' Avviz Nru 38 tas-sena 2018, fil-Gazzetta tal-Gvern, fejn l-art meritu tal-kawża odjerna, ġiet espproprijata favur il-gvern u s-sidien tal-art, ossija r-rikorrenti, ġew offruti ħmistax-il elf Euro, għal tali art.

## D. <u>DIFIŻA</u>

30. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti mexxew kemm kontra l-Kummissarju tal-Artijiet, liema atti ġew sussegwentement assunti mill-Awtorita' tal-Artijiet, kif ukoll il-Ministeru tal-Edukazzjoni.

31. Jirriżulta illi l-Ministeru tal-Edukazzjoni, fir-risposta tiegħu ppreżentata tardivament fis-6 ta' Marzu 2017, laqa' għal dak mitlub billi qal illi kien inbeda l-proċess tal-esproprju u li, għalhekk, ma kien hemm ebda vjolazzjoni kif pretiż mir-rikorrenti. (fol 50).

32. Jirriżulta illi, da parte tiegħu, l-Kummissarju tal-Artijiet, fir-risposta tiegħu ppreżentata entro t-terminu lilu mogħti, laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    a. Ir-rikorrenti jridu jipprovaw it-titolu.
    b. Ir-rimedji ordinarji ma ġewx eżawriti u għalhekk il-proċeduri odjerni ma setgħux jinbdew.
    c. Il-Kummissarju tal-Artijiet ma huwiex il-leġittimu kontradittur għax ma saritx esproprijazzjoni.
    d. Ma sar ebda ksur da' parte tiegħu tad-drittijiet tar-rikorrenti.

33. Ikun opportun illi dina l-Qorti tikkunsidra tali difiżi separatament.

## <u>Prova Dwar Titolu</u>

34. Il-Kummissarju tal-Artjiiet, issa Awtorita' tal-Artijiet, qajjem bħala l-ewwel difiża tagħha, difiża "*standard*" illi hija dejjem tqajjem f'kull kawża li fiha hija tkun parti, ossija dik tal-prova tat-titolu.

35. Il-Qorti tifhem illi din hija difiża ġustifikabbli, meta l-intimata Awtorita' tkun rinfaċċjata b'kawża dwar biċċa art illi dwarha hija ma għandha ebda dokumentazzjoni preċendenti.

36. Fil-każ odjern, madanakollu, kif ħareġ ċar mill-assjem tal-provi, mhux talli l-Kummissarju tal-Artijiet ma kellux informazzjoni preċendenti dwar l-art meritu tal-kawża odjerna, iżda talli kien ġia' ipproċeda biex jesproprija tlett biċċiet art antigwi għal dik meritu tal-kawża odjerna, lkoll tar-rikorrenti, u li kienu jifformaw parti

minn biċċa art akbar illi r-rikorrenti kellhom qabel ma' d-Dipartiment tal-Edukazzjoni ħa l-pussess tal-parti tal-art biex bena skola u triq adjaċenti.

37. Jirriżulta wkoll illi, għalkemm, l-intimat Kummissajru tal-Artijiet għadda biex jesproprija tlett biċċiet art, ġia' propjetà tar-rikorrenti, fuq talba tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, fil-każ tal-art meritu tal-każ odjern, ossija dik ta' 55 metru kwadru, huwa naqas milli jagħmel tali esproprijazzjoni, għalkemm mid-dokumentazzjoni ġia' fil-pussess ta' l-intimati, ossija il-kuntratt ta' diviżjoni tal-24 ta' Diċembru 1968 fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis, seta' jidher ċar illi l-art meritu tal-kawża odjerna kien inkluż fil-biċċa art akbar illi kellhom ir-rikorrenti u li ttieħdet mill-intimati, u li minnha tlett biċċiet kienu ġia' ġew esproprijati.

38. Għalhekk, id-difiża mqajjma mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet, hija kemm frivola kif ukoll superfluwa, u intiża unikament sabiex ittawwal u tikkomplika ulterjorment proċess ġudizzjarju illi kellu jinbeda mir-rikorrenti riżultat unikament ta' nuqqas tal-intimati milli jagħmlu dak illi messhom għamlu ħafna snin qabel – jesproprijaw uffiċċjalment l-art li kienet ġia' ttieħdet u joffru kumpens għall-tali art.

39. Finalment, il-Qorti tħoss illi, hawnhekk, għandha tagħmel referenza għal dak li ġie dikjarat mill-Prim' Awla Qorti Civili fil-kawża **Victor Gatt et vs Avukat Ġenerali et**, deċiża fil-15 ta' Lulju 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Lulju 2011, u kkwotata b'approvazzjoni mir-rikorrenti, fejn ġie osservat korrettament illi:

> *Din il-Qorti tirrileva li din l-azzjoni mhix waħda rei vindicatoria, u kwindi mhux meħtieġ il-prova diabolica ta' titolu oriġinali. Hu biżżejjed li r-rikorrenti juru interess ġuridiku fl-eżitu ta' din il-kawża*

40. Għalhekk, l-ewwel difiża tal-Awtorita' tal-Artijiet ma tissussistix.

**<u>Rimedji ordinarji ma ġewx eżawriti.</u>**

41. L-intimata Awtorita' tal-Artijiet, bħala linja difensjonali oħra meqjusa bħala "*standard*" illi dejjem iqajjmu f'tali tip ta' kawżi, saħqet illi r-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji tagħhom kollha.

42. Din il-Qorti tagħmilha ċara mal-ewwel illi ma taqbel xejn ma' tali linea difensjonali, u, tagħmel tagħha l-insenjament kif prodott fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Carmela Zammit et vs Awtorita' tal-Artijiet**, deċiża in parte fis-27 ta' Ġunju 2019, fejn il-Qorti, rinfaċċjata b'argumentazzjoni identika mqajjma f'kawża simili ħafna għal dik in eżami, kellha dan xi tgħid dwar tali difiża:

> *Illi l-intimati jissottomettu li r-rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali huma rimedji strettament straordinarji. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din it-teżi li mhix konfortata bil-linja ġurisprudenzjali l-aktar reċenti meħuda mill-Qrati tagħna. Il-kawża ordinarja timxi fuq binarju għal kollox distint mill-kawża mibnija fuq leżjoni ta' Dritt Fondamentali tal-Bniedem. Il-fatti li jagħtu lok għaż-żewġ tipi ta' kawżi jistgħu jkunu l-istess, u normalment*

> *huma l-istess, iżda l-causa petendi, r-raġuni giuridika tal-kawża, hija differenti. Il-petitum jista' jkun l-istess in kwantu kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem il-Bord, is-sid ifittex kumpens xieraq. Madanakollu l-kumpens ikkontemplat bħala rimedju għall-leżjoni ta' dritt fondamentali mhuwiex neċessarjament l-istess bħal dak mogħti minn tribunal ta' kompetenza ordinarja. Inoltre, wieħed irid ifakkar li din il-Qorti għandha d-dover li tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq filwaqt li l-awtorita' tal-Bord ċertament mhix daqshekk illimitata.*
>
> *Għalhekk huwa fallaci l-argument li jibda minn premessa li jiċċirkoskrivi aprioristikament ir-rimedju li għandu jingħata f'każ li jinstab li ġew leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Hija doveruża għall-Qorti adita b'kawża bħal din li tevalwa f'kull każ, u mingħajr predisposizzjonijiet, in-natura tal-leżjoni u r-rimedju ġust u ekwu li għandu jingħata sabiex isir restitutio in integrum u tiġi newtralizzata l-leżjoni lamentata.*
>
> *Illi hekk kif ġie ribadit fil-każ "Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et" (Q.K. – 5 ta' April 1991) jidher ċar li l-leġislatur Malti ma riedx li jistabbilixxi bħala prinċipju assolut fil-liġi Kostituzzjonali tagħna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, għandha dejjem u tassattivament teżawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taħt il-liġi ordinarja, inklużi dawk ir-rimedji li ma jkunux raġonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa ħafna dwar l-eżerċizzju o meno tal-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha. Ovvjament, tali diskrezzjoni għandha tintuża ġustament u raġonevolment.*
>
> *Fl-aħħar mill-aħħar, il-Qrati ordinarji mhumiex aditi bil-ġurisdizzjoni oriġinali f'materja ta' leżjoni ta' drittijiet l-aktar fondamentali. Dan jispetta lill-Qrati fil-kompetenza kostituzzjonali tagħhom. Din il-Qorti tifhem ukoll li ċ-ċittadin li qiegħed isofri ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu jew ta' theddida ta' ksur, mhuwiex tenut li jfittex rimedju quddiem il-Qrati ordinarji meta dan ikun ineffettiv. F'din iċ-ċirkostanza, l-applikazzjoni ħażina tal-artikolu 46(2) u 4(2) tissarraf bħala mezz ta' prolungament inutili ta' sofferenza għal min hu vittma ta' ksur ta' drittijiet fondamentali.*

43. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament kif fuq spjegat u ftit li xejn għandha xi żżid ma dak ġia' stabbilit. Tosserva, madanakollu, illi fil-mument illi nbdew il-proċeduri odjerni, l-art lanqas biss kienet ġiet espproprijata mill-intimata, u għalhekk ċertament qatt ma jistax jingħad illi, fil-mument tal-intavolar tal-proċeduri odjerni, r-rikorrenti kienu għadhom ma eżawrewx ir-rimedji kollha tagħhom, u dan peress illi ma kellhom ebda rimedju fil-pussess tagħhom dak iż-żmien.

44. Għaldaqstant, tali difiża ma tistax tiġi akkolta mill-Qorti.

**<u>Il-Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorita' tal-Artijiet, mhix il-leġittimu kontradittur.</u>**

45. Jirriżulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi l-art meritu tal-kawża odjerna kienet tifforma parti minn art akbar, ġia' propjetà tar-rikorrenti, illi ttieħdet mill-intimati sabiex tinbena skola ġewwa iż-Żejtun kif ukoll toroq adjaċenti.

46. Jirriżulta, dejjem minn tali provi, illi beda jsir żvilupp mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ġewwa s-sit meħud fl-1 ta' Lulju 1986.

47. Jirriżulta illi, a tenur tal-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta, applikabbli dak iż-żmien meta ttieħdet l-art, ossija l-Att dwar Akkwist ta' artijiet għal skopijiet Pubbliċi, kien jipprovdi fl-Artikolu 5 ta' l-istess leġislazzjoni, illi:

> *L-awtorità kompetenti tista' takkwista art meħtieġa għal skop pubbliku, sew –*
>
> *(a) b'xiri assolut tagħha; jew*
> *(b) għall-pussess u użu tagħha għal żmien determinat jew matul dak iż-żmien illi l-bżonnijiet tal-iskop pubbliku jkunu jitolbu; jew*
> *(ċ) b'dominju pubbliku:*

48. Jirriżulta, dejjem skond l-Kap 88 tal-Liġijet ta' Malta, illi huwa stabbilit fl-Artikolu 2 illi:

> *" "awtorità kompetenti" tfisser il-Kummissarju tal-Art"*

49. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi, tenut kont tal-fatt illi l-art kienet ġiet esproprijata b'mod 'de facto' mill-intimat Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex tinbena skola pubblika fiha, li ċertament għandu jitqies bħala ta' skop pubbliku, l-Kummissarju tal-Artijiet kien l-Awtorita' kompetenti sabiex jipproċedi bit-teħid tal-art.

50. Għalhekk, dina l-eċċezzjoni ta' l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ma tirriżultax ppruvata.

## <u>Ma sar ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti</u>

51. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu, fid-difiża tagħhom, illi għalkemm ir-rikorrenti ma ngħataw ebda kumpens għall-art meritu tal-kawża odjerna, u dana minn meta ttieħdet l-art fis-sena 1986 sa meta attwalment inħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet fil-bidu tas-sena 2018, ir-rikorrenti ma ġiex lilhom leż ebda dritt tal-propjeta' lilhom mogħtija fl-Artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar d-Drittijiet Fondamentali, u dana peress illi, skond il-Ministeru tal-Edukazzjoni, issa kienu bdew il-proċess ta' esproprijazzjoni.

52. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi r-rikorrenti ma jaqblu xejn ma' tali sottomissjoni u argumentazzjoni u jikkontendu illi huma sofrew leżjoni tad-dritt tagħhom.

53. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jipprovdi dan li ġej:

> *Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.*
>
> *Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

54. Il-Qorti, f'dan l-istadju, jidhrilha xieraq illi tagħmel referenza għal dak dikjarat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), fil-sentenza '**Rose Borg vs Avukat Ġenerali et**' deċiża fil-25 ta` Frar 2016, fejn ingħad hekk :-

*Rigward l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol*

*L-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea għal dan l-Artikolu hu ormai kostanti fis-sens li :*

*"1. Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among other authorities, James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, § 61, Series A no. 52; see also Broniowski v. Poland [GC], no. 31443/96, § 134, ECHR 2004-V). Hutten-Czapska v Poland). (App. No. 35015/97 - 19 June 2006).*

55. Il-Qorti tosserva illi, fil-każ odjern, ma jista' jkun hemm ebda dubju illi r-rikorrent ġew spussessati mill-art meritu tal-kawża odjerna, għalkemm ma hemm ebda dubju illi t-teħid ta' tali art kien għall-interess pubbliku, ossija bini ta' skola ġewwa ż-Żejtun.

56. Il-Qorti tosserva wkoll illi ma jista' jkun hemm ebda dubju illi, bejn is-sena 1986 u s-sena 2018, ossija fuq trapass ta' tnejn u tletin (32) sena, r-rikorrenti qatt ma ingħataw xi forma ta' kumpens għat-teħid ta' tali art, u qatt ma ngħataw l-possibbilta' illi jikkontestaw kwalsiasi kumpens illi seta' ingħata.

57. Il-Qorti, f'dana l-istadju, tħoss illi għandha tagħmel referenza għal dak dikjarat mill-Prim Awla, Sede Kostituzzjonali, fil-kawża **Iginio Trapani Galea Feriol et vs Kummissarju tal-Artijiet et** deċiża fit-18 ta' Ottubru 2013, u sussegwentement kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2014, fejn intqal dan li ġej:

*Hu ċar, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-Kummissarju tal-Art ma mexiex bil-galbu mistenni minnu biex jara li dan il-proċess ta' espropriju jiġi konkluż a sodisfazzjon tar-rikorrenti u fi żmien qasir u raġjonevoli. Il-proprjeta' ttieħdet fl-1973 u sal-lum, erbgħin sena wara, il-każ għadu mhux magħluq. Il-liġi trid li l-materja ta' esproprijazzjoni tiġi fi tmiemha fi żmien raġjonevolment qasir, u wara dan it-tul ta' żmien kollu, b'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma' dan it-trapass taż-żmien jista' jitqies bħala wieħed raġjonevolment qasir.*

58. L-istess Qorti kompliet tgħid:

> *Għal dan id-dewmien għandu jwieġeb għad-danni l-istess Kummissarju tal-Art. Jiġi puntwalizzat li bil-preżenti mhux qed jingħata kumpens għall-esproprju, iżda qed jingħata kumpens għal-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Għalhekk, hu żgur li ma għandux jingħata kumpens li jirrapreżenta l-valur tal-immobbli in kwistjoni.*

59. Din il-Qorti ma tistax ma tabbraċċjax il-ħsieb u l-konklużjonijiet tal-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, partikolarment in vista tal-fatt illi l-fattispecie tal-każ odjern huma simili għal dawk tali kawża fuq imsemmija.

60. Il-Qorti Kostituzzjonali, fl-istess kawża fuq imsemmija, din id-darba deċiża fil-31 ta' Ottubru 2014, qalet is-segwenti b'żieda ma' dak fuq dikjarat:

> *Fl-ewwel lok, huwa opportun li jiġi sottolineat li, il-fatt provat li l-akkwist de quo sar bħala parti mir-riforma soċjali li l-appellanti jgħid kien qed jagħmel il-Gvern f'dak iż-żmien, ma jeżonerax lill-Kummissarju intimat mill-obbligu tiegħu li jaġixxi b'diliġenza u bi speditezza raġjonevoli billi jeżegwixxi fi żmien raġjonevoli l-proċeduri li jwasslu għall-komputazzjoni u ħlas tal-kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti. Kien jinkombi fuq l-intimat Kummissarju li la darba ttieħdet minnu biċċa art forzosament huwa kellu diliġentement u mingħajr tnikkir jieħu dawk il-proċeduri neċessarji sabiex jassigura li r-rikorrenti jiġu kumpensati għat-teħid tal-art tagħhom.*
>
> *Inoltre, l-eżistenza tal-interess pubbliku ma jeżonerax lill-Kummissarju mill-obbligu tiegħu li jassigura li, bil-ħlas fi żmien raġjonevoli tal-kumpens ġust, jinżamm dak il-bilanċ ġust bejn l-interessi tas-soċjeta` u d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-godiment paċifiku tal-proprjeta` tagħhom skont l-artikolu konvenzjonali fuq ċitat. Għax l-prinċipju tal-proporzjonalita` huwa inherenti fl-istruttura kollha tal-Konvenzjoni 2 u għalhekk l-aġir tal-Kummissarju f'dan il-każ għandu jiġi eżaminat ukoll minn din l-ottika, billi jiġi kkunsidrat jekk it-teħid tal-proprjeta` tagħhom fis-sena 1973 mingħajr ma għadhom lanqas bdew il-proċeduri għall-komputazzjoni tal-kumpens dovut lilhom, jitfgħax fuqhom piż eċċessiv u sproporzjonat.*
>
> *Din il-Qorti bħal l-ewwel Qorti hi tal-fehma li tenut kont tal-għexieren ta' snin li għaddew mid-data tal-ispossessament da parti tal-Kummissarju tal-art de quo mingħajr dan lanqas għadu ta bidu għall-proċeduri sabiex ir-rikorrenti jiġu kumpensati għal-privazzjoni mill-proprjeta` tagħhom, fil-fatt jitfa' fuq ir-rikorrenti piż eċċessiv u sproporzjonat fis-sens tal-Konvenzjoni.*
>
> *Kif ritenut minn din il-Qrati diversament presjeduta fil-kawża Q. Kos* ***Pawlu Cachia v. Avukat Ġenerali****, deċiża fit-28 ta' Diċembru 2001:*
>
>> *"Wieħed għandu jifhem li meta kienet oriġinarjament promulgata l-Ordinanza Dwar it-Teħid tal-Art għal Skop Pubbliku tramite il-proċedura tal-esproprijazzjoni, l-leġislatur kien mhux biss ħaseb għat-teħid immedjat tal-pussess u d-disponibilita' tal-proprjeta' biex tiġi utilizzata għall-iskop li għalih tkun ġiet esproprijata, imma wkoll għal proċess spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' tribunal kważi ġudizzjarju b'kompetenza teknika in materja. Żgur li l-Ordinanza qatt ma kienet maħsuba biex ........ il-Gvern jieħu l-art, jutilizzaha għal għexieren ta' snin u xi darba jħallas kumpens."*

*Ukoll ġie affermat fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li:*

> *"Not only must an interference with the rights of property pursue on the facts as well as in principle a legitimate aim in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized by any measures applied by the State .... The requirement is expressed by the notion of 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol 1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden" [Hutten Czapyuska v. Poland – para.166 – 19 ta' Ġunju 2006]*

61. Il-Qorti ma għandha ebda dubju illi, fil-każ odjern, in-nuqqas lampanti taż-żewġ intimati fil-konfront tar-rikorrenti huwa tali illi wassal għall-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

62. Għalhekk, id-difiża imqajjma miż-zewġ intimati, ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment.

## E. <u>KUMPENS</u>

63. Sorvolata l-kwistjoni dwar jekk hemmx ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni, il-Qorti issa trid tgħaddi biex tikkunsidra r-rimedji xierqa u effettivi illi għandhom jingħataw lir-rikorrenti talli nkisrulhom id-drittijiet tagħhom.

64. Il-Qorti tosserva illi, fir-rikors promotur, ir-rikorrenti talbu prinċipalment żewġ tipi ta' rimedji:

    a. Rimedju fejn jiġi ordnat li jibdew il-proċess ta' espropriju fejn jitħallsilhom il-prezz tal-art meritu tal-kawża odjerna flimkien ma' danni għall-okkupazzjoni u imgħax.

    b. Rimedju fejn jitħallsilhom kumpens għall-leżjoni minnhom sofferti, illi għandhom ikunu punitivi, eżemplari u effettivi.

65. Jirriżulta illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, il-meritu ta' l-ewwel rimedju mitlub mir-rikorrenti ġie parzjalment eżawrit stante illi l-intimati bdew u temmew il-proċess ta' espropriju u offrew kumpens għall-valur ta' l-art fil-valur ta' ħmistax-il-elf Euro (€15,000).

66. Il-Qorti ma hijiex a korrent tal-fatt jekk ir-rikorrenti użufrew mill-proċeduri maħsuba fil-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, biex jikkontestaw il-kumpens lilhom offrut wara li saret l-esproprijazzjoni permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet ta' Malta tat-12 ta' Jannar 2018. Madanakollu, ikun opportun illi, bħala parti mir-rimedji li għandhom jingħataw lir-rikorrenti, kwalsiasi terminu mogħti lilhom a tenur ta' tali Liġi jitqies illi għandu jibda jgħodd mid-data tas-sentenza

odjerna, sabiex ir-rikorrenti ikun f’pożizzjoni illi jiddefendi l-interessi tiegħu a tenur ta’ dak lilu pprovdut fil-Kap 573 tal-Liġijiet ta’ Malta.

67. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, l-pretensjoni għal danni pekunjarji għall-okkupazzjoni, kif ukoll danni non-pekunjarji għall-leżjoni sofferti mir-rikorrenti, li għadhom pendenti u għalhekk jistħoqq illi jiġu kkunsidrati minn dina l-Qorti.

68. Jirriżulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi xogħolijiet fuq l-art kollha meħuda mingħand ir-rikorrent, inkluż l-art meritu tal-kawża odjerna, bdew fl-1 ta’ Lulju 1986, u għalhekk jista’ faċilment jitqies illi r-rikorrenti ġew spussessati mill-art fis-sena 1986.

69. Jirriżulta wkoll, mill-provi prodotti mill-intimati, illi fil-mori tal-kawża odjerna, ossija fit-12 ta’ Jannar 2018, l-art meritu tal-kawża odjerna, ġiet finalment esproprijata mill-intimati, u dana permezz ta’ Dikjarazzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet ppubblikata dakinhar stess.

70. Jirriżulta, għalhekk, illi għal tnejn u tletin (32) sena sħaħ, ir-rikorrenti kienu ġew spussessati minn tali art mingħajr ebda kumpens mogħti lilhom.

71. Il-Qorti, f’dana l-istadju, tagħmel referenza għas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Raymond Cassar Torregiani et vs Avukat Ġenerali et** deċiża fid-29 ta` April 2016, fejn il-Qorti qalet hekk :-

> *Dwar il-quantum tal-kumpens dovut issir referenza għas-sentenza ta` din il-Qorti* ***Igino Trapani Galea Feriol pro et noe et vs Kummissarju tal-Artijiet et*** *deċiża fil-31 ta` Ottubru 2014, fejn f`materja ta` komputazzjoni ta` kumpens għal leżjoni ta` dritt fondamentali sanċit fl-artikolu konvenzjonali fuq ċitat ġie osservat:*
>
> > *“Rigward il-quantum tal-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull każ għandu jiġi trattat u deċiż fuq il-fattispecie tiegħu. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropeja ħasset li f`ċerti każijiet kellha tagħti kumpens f`ammont inferjuri għal dak li ngħata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-Qrati Maltin tilfu l-awtonomija tagħhom b`mod li bilfors kumpens li jingħata ikun f`ammont viċin dak li tagħti l-Qorti Ewropeja. Fil-każ odjern l-ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jimmilitaw kemm favur kif ukoll kontra r-rikorrenti u dehrilha li l-kumpens xieraq li għandha tagħti f`dan il-każ ikun fl-ammont ta` ħamsa u għoxrin elf Euro (EUR 25,000). Hija kkonsidrat id-dewmien da parti tar-rikorrenti li jieħdu l-proċeduri opportuni, il-valur tal-immobbli, iż-żmien tant twil li r-rikorrenti ilhom privati mill-godiment tal-proprjeta` tagħhom mingħand ma ngħata ebda kumpens, l-istat tal-fond u l-eżistenza tal-fattur tal-interess pubbliku. Ma` dawn għandu jiġi senjalat il-fatt li qabel l-ispossessament tal-*

*proprjeta` tagħhom ir-rikorrenti kellhom permess mill-Bord kompetenti sabiex jiżviluppaw il-fond.”*

*Issa għalkemm, huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta` leżjoni tad-drittijiet fondamentali ma jekwiparax neċessarjament ma` likwidazzjoni ta` danni ċivili attwali sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali għandhom jiġu injorati għall-finijiet tal-eżerċizzju odjern. Il-Qorti trid tqis il-fatturi kollha rilevanti għall-każ odjern sabiex tasal għad-determinazzjoni tal-quantum. Dawn huma (1) it-tul ta` żmien li ilha sseħħ il-vjolazzjoni kkonsidrat ukoll fid-dawl tat-tul taż-żmien li r-rikorrenti damu sabiex resqu l-proċeduri odjerni biex jirrivendikaw id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom; (2) il-grad ta` sproporzjoni relatat mal-introjtu li qed jiġi perċepit ma` dak li jista` jiġi perċepit fis-suq ħieles, kkonsidrat ukoll l-għan soċjali tal-miżura; (3) id-danni materjali sofferti mir-rikorrenti, kkonsidrat ukoll l-ispejjeż sostanzjali li għamlu l-intimati Tabone sabiex jirrendu l-fond abitabbli u (4) l-ordni li ser tagħti din il-Qorti dwar l-eżenzjoni f`dan il-każ mill-effetti legali tal-Artikolu 5 tal-Kap 158.”*

72. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fil-kalkolu tal-kumpens illi huwa dovut għal leżjoni tat-tip kontemplat permezz tal-azzjoni odjerna, hija ta’ benefiċċju għall-kull parti li jkun hemm regola ċara u sempliċi dwar kif il-Qorti tasal għal tali kumpens.

73. Il-Qorti tosserva wkoll illi, għalkemm il-Qrati sa issa indikaw varji elementi illi l-Qrati għandhom jikkunsidraw meta iqisu l-kumpens dovut, kif fuq ġia’ indikati, ma jidhirx illi hemm linja gwida dwar ammonti kontanti illi għandhom jiġu kkalkolati f’tali ċirkostanzi.

74. Il-Qorti, kif ppresjeduta, temmen illi huwa fl-aħjar interess tal-Ġustizzja u tal-partijiet kollha, illi jkun hemm regola ċara u sempliċi li abbażi tagħha, wara li tkun qieset li l-elementi kollha fuq ġia’ imsemmija lkoll jirriżultaw, il-Qorti tasal biex tiffissa l-kumpens, u tħoss illi tali regola għandha tkun ta’ kumpens ekwivalenti għall-elf euro (€1,000) għal kull sena illi fiha tali leżjoni kienet ċarament kkawżata fil-konfront tar-rikorrenti. Tali somma ċertament tinkorpora fiha l-element punittiv fuq min jonqos mid-drittijiet tiegħu, l-element eżemplari fejn jidher ċar u inekwivoku l-konsegwenza ta’ tali nuqqas u, finalment, l-element effettiv, fejn ir-rikorrenti jingħataw kumpens effettiv u mistħoqq.

75. Tenut kont tal-fatt illi ħareġ ċar li, għal tnejn u tletin (32) sena sħaħ, ir-rikorrenti kienu spussessati mill-propjeta' tagħhom mingħajr ebda kumpens, il-Qorti tqis illi l-kumpens li r-rikorrenti għandhom jingħataw tan-nuqqas lampanti ta’ l-intimati fil-konfront tar-rikorrenti għandu jkun ta’ tnejn u tletin elf Euro (€32,000), ekwivalenti għall-elf euro għal kull sena fejn id-drittijiet tar-rikorrenti ġew leżi.

76. Il-Qorti tqis ukoll illi, kif ġia’ indikat f’punt Nru 65 aktar ‘il-fuq, ir-rikorrenti għandhom jingħataw l-opportunita illi jikkontestaw, jekk iħossu illi huwa opportun, il-kumpens lilhom mogħti, liema dritt huwa lilhom sanċit fl-Artikolu 55 tal-kap 573

tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi l-perjodu ta' ħames snin stabbiliti fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 55 għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza odjerna u mhux mid-data tad-Dikjarazzjoni tal-Awtorita tal-Artijiet.

## KONKLUŻJONI:

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijet kollha tal-Awtorita' tal-Artijiet u l-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol.

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, u għalhekk;

**Tiddikjara** illi t-teħid tal-pussess tal-art tar-rikorrenti mill-1 ta' Lulju 1986 mingħajr ma huma ngħataw kumpens ġust u xieraq kif trid il-liġi huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu 1, Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**Tillikwida** l-kumpens dovut lir-rikorrenti għal tali leżjoni fis-somma ta' tnejn u tletin elf Euro (€32,000).

**Tastjeni** milli tagħti kumpens għat-teħid tal-art mertu tal-kawża odjerna, stante illi dina ġiet likwidata mill-intimati permezz tad-Dikjarazzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet ippubblikata fit-12 ta' Jannar 2018 permezz ta' Avviz Nru 38 tas-sena 2018, filwaqt illi testendi t-terminu mogħti lir-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 55 (3) tal-Kap 573 għall-ħames snin mid-data tas-sentenza odjerna.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikun a kariku tal-intimati in solidum bejniethom.

**Imgħax** jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**